**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 23 ta' Novembru 2001**

**Numru** **19**
**Citaz. Nru.** **1190/96 FDP**

**S. Mifsud & Sons Ltd.**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta u l-Awtorita` Marittima Maltija**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-15 ta' April 1996 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici fis-27 ta' Mejju 1994 kienet sejra tormeggja l-vapur TUSCANIA mal-moll lilha assenjat mill-Awtoritajiet tal-Port sa biex taghti l-prodott li kellha fuqha lill-

Korporazzjoni konvenuta Enemalta Corporation u hija giet mizmuma milli taghmel dan, mal-moll assenjat lilha, mill-Awtorita` Marittima Maltija;

Illi tali waqfien inkorra lill-atturi fi spiza zejda ammontanti ghal Lm604.77,9 skond ma jirrizulta mill-anness "statement" tas-socjeta` attrici;

Illi meta s-socjeta` attrici talbet rifuzjoni lill-konvenuti l-Korporazzjoni Enemalta kkontendiet li tali waqfien kien ordnat mill-konvenuta l-ohra l-Awtorita` Marittima Maltija "*under false pretenses*" u ghalhekk ghandha thallas dawn l-ispejjez l-Awtorita` Marittima Maltija; mentri l-istess Awtorita` Marittima Maltija ikkontendiet illi skond il-ligi hija ghandha d-dritt tassenja moll u tbiddlu, kif u meta trid, u dan a riskju u spejjez tal-vapur u ghalhekk m'ghandhiex thallas l-ispejjez zejda lis-socjeta` attrici;

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici m'ghandhiex alternattiva ghajr li tharrek liz-zewg konvenuti sabiex kollettivament jew min minnhom jigi kkundannat ihallasha s-somma lilha dovuta li ma hix ikkontestata, kwantu ghall-ammont, izda hemm kontestat biss min hu l-pagatur taghha;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm604.77,9 spejjez inkorsi kif fuq inghad;

Bl-imghax legali mid-data li gew inkorsi l-istess spejjez u bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri ufficjali ta' l-24 ta' Novembru 1995 u 29 ta' Frar 1996 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Adrian Mifsud ghas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-17 ta' Ottubru 1996 ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta fejn gie eccepit:-

Fl-ewwel lok illi l-Awtorita` mhix responsabbli ghall-waqfien li l-vapur TUSCANIA inkorra fis-27 ta' Mejju 1994 mentri kien sejjer jormeggja mal-moll kif allegat is-socjeta` attrici u konsegwentement m'hijiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-istess socjeta` attrici;

Fit-tieni lok illi r-Regolamenti tal-Port (1966) specifikament regolamenti 15(1) u 133(1) u (2) jistabbilixxu bla ebda dubju d-dritt li l-Awtorita` Marittima ghandha li tassenja moll u tbiddlu, kif u meta trid, u dan a riskju u spejjez tal-vapur;

Salv eccezzjonijet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Carmel Chircop bhala mandatarju specjali ghan-nom ta' l-Awtorita` Marittima u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat li l-korporazzjoni konvenuta Enemalta ghalkemm debitament notifikata bic-citazzjoni fl-14 ta’ Ottubru 1996 baqghet ma pprezentatx l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk tinsab fi stat ta’ kontumacja;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkonsidrat:-

Illi jirrizulta li fis-27 ta’ Mejju 1994 l-Awtorita` Marittima Maltija rrifjutat li thalli l-vapur TUSCANIA jormeggja mal-moll tal-Power Station lilu assenjat, b’rizultat li l-iskarigg tal-vapur, sakemm attwalment gie permess lilu li jormeggja, ikkaguna lis-socjeta` attrici xi danni.

Provi:

Illi Adrian Mifsud, direttur tas-socjeta` attrici, xehed li meta s-socjeta` attrici kienet sejra tormeggja l-vapur TUSCANIA mal-moll lilha assenjat, hija giet mizmuma milli taghmel dan mill-Awtorita` Marittima Maltija;

Illi Tony Caruana, Operations Manager fid-Direttorat tal-Portijiet ma’ l-Awtorita` Marittima ta’ Malta, fl-affidavit tieghu xehed li meta l-

vapur kien qed javvicina sabiex jorbot mall-moll il-gdid tal-Power Station gewwa M'Xlokk, il-pilota abbord gieh dubju jekk il-bahar fejn kien sejjer jorbot kienx fond bizzejjed. Ghalhekk l-osservazzjoni tieghu giet ikkomunikata lill-ufficcju tal-Harbour Master. Wara li dan ta' l-ahhar ikkonsulta mas-*survey sheets* huwa iddikjara li l-bahar f'dawk l-inhawi kien fond bizzejjed u ghalhekk il-vapur seta' effettivament jidhol jorbot mal-moll. Ix-xhud ikkummenta li l-moll in kwistjoni kien wiehed gdid u ghalhekk il-pilota ftit seta' jkun familjari mieghu. Qal ukoll li l-Harbour Master ma setax jinjora r-rimarki tal-pilota u kellu kull ragun li jivverifika l-osservazzjonijiet tal-pilota ghax kieku ma kienx hemm fond bizzejjed kienet tigri xi disgrazzja;

Illi Joseph Bezzina, li fiz-zmien tal-kaz in kwistjoni kien Chief Pilot, fix-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju xehed li meta jasal vapur, jintbaghat pilota biex jitla' fuqu sabiex idahhlu. Fil-kaz odjern il-Kaptan Zammit German (illum mejjet) *"… kien cempilli u qalli li dak il-vapur ma jidholx minhabba d-draft li ghandu."* Ghalhekk il-pilota inghata ordni biex ma jdahhalx il-vapur u biex jinzel minn fuqu. In segwitu kien hemm kwistjoni bejn il-Harbour Master, il-Korporazzjoni Enemalta u l-Agent. Wara xi hin, il-Harbour Master cempel lil Bezzina u qallu li l-vapur seta' jidhol. Fil-fatt il-vapur gie ormeggjat ma' l-istess post li kien intenzjonat ghalih qabel ma gie mwaqqaf milli jidhol;

Illi x-xhud ikkonferma li l-Awtorita` Marittima Maltija jkollha d-dettalji kollha kemm tal-vapur

kif ukoll tal-merkanzija li jkun hemm fuqu sabiex ikun jista' jigi deciz fejn ghandu jormeggja. Ikkonferma ukoll li huwa ma dahhalx il-vapur purament minhabba l-ordni da parti tal-Harbour Master. Peress li kellu pilota u nizzlu minn fuq il-vapur, huwa ccargja lill-Agent tal-vapur ghall-*cancellation.*

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>:

Illi Tony Caruana mill-Awtorita` Marittima Maltija, fl-affidavit tieghu xehed li l-Harbour Master ma jistax jinjora r-rimarki tal-pilota. L-Awtorita` Marittima Maltija fin-nota ta' sottomissjonijet taghha tinsisti li *"l-Harbour Master ma jistax jaghti ordnijiet lill-pilota dwar kif ghandu jmexxi l-bastiment aktar u aktar ma setax jordnalu jibqa' diehel il-moll qabel ma jivverifika l-osservazzjoni tal-pilota mas-survey sheets.";*

Ic-Chief Pilot Joseph Bezzina, min-naha tieghu jikkonferma li l-vapur ma dahalx propju minhabba l-ordni li harget da parti tal-Harbour Master. Huwa spjega li jekk il-Harbour Master jghidlek li ma tistax iddahhal il-vapur, allura ma tistax iddahhlu. Il-vapur fil-fatt inzamm milli jidhol fuq ordni tal-Harbour Master u inghata aktar tard l-ordni biex ikompli diehel, mill-istess Harbour Master;

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal artiklu 14 tar-<u>Regolamenti ta' l-1975 dwar il-Pilutagg u Irmigg</u>, li jistipula li bdot m'ghandux jirmiggja jew icaqlaq xi bastiment mill-irmigg tieghu

minghajr l-approvazzjoni ta' l-Awtorita`. Isegwi ghalhekk li minkejja l-fatt li l-bdot ghandu l-kontroll assolut tal-bastiment jibqa' l-fatt li hija l-Awtorita` li tiddeciedi meta u fejn jigi ormiggjat il-bastiment. Huwa propju ghalhekk li l-Awtorita` zammet lill-bdot milli jormeggja mal-moll, imbaghad ftit wara regghet awtorizzatu jormiggja;

Illi jirrizutta li l-Awtorita` Marittima Maltija kellha d-dettalji kollha tal-vapur u tal-merkanzija qabel ma assenjat il-moll li mieghu kellu jitrakka l-istess vapur. Kellha kull opportunita` sabiex taghmel il-kalkoli u l-verifiki necessarji qabel il-wasla tal-vapur sabiex tassigura il-moll huwa wiehed addattat ghall-vapur in kwistjoni. Kif issottomettiet is-socjeta` attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-vapur ma dahalx "*in distress*" u ghalhekk ma kienx il-kaz li l-verifiki isiru "*there and then*".

<u>L-ewwel eccezzjoni</u>:-

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-Awtorita` Marittima Maltija eccepiet li hija m'hix responsabbli ghall-waqfien li l-vapur inkorra waqt li kien sejjer jormeggja. L-Awtorita` tinisiti li hija kellha d-dmir tassisti l-pilota li f'dak il-hin ikollu l-kontroll assolut tal-bastiment. Il-Qorti assolutament ma taqbilx li l-Awtorita` m'hix responsabbli ghall-waqfien tal-vapur. Kif diga` gie rilevat hija l-Awtorita` li tiddeciedi dwar l-irmigg tal-bastimenti u l-bdot irid joqghod ghal

dak li tghidlu l-istess Awtorita`. Minkejja l-fatt li l-moll kien wiehed gdid, jibqa' l-fatt li l-Awtorita` kellha d-dettalji kollha dwar il-vapur u dwar l-istess moll. Mhuwiex il-bdot li jiddeciedi fejn jigi ormiggjat il-bastiment izda l-Awtorita`. L-Awtorita` ghandha dritt tassisti l-pilota, pero` hija l-Awtorita` li trid tapprova fejn u meta ghandu jsehh l-irmigg. Il-bdot fil-kaz in kwistjoni sempliciment ikkomunika ma' l-Awtorita` id-dubju tieghu dwar il-fond tal-moll. Ma kienx il-bdot li rrifjuta li jormeggja, izda kienet l-Awtorita` li zammitu milli jaghmel dan; evidentement ghax ma kinitx taf sew il-karetteristici u mizurezzjonijiet tal-moll u ma kinitx mija fil-mija konvita li l-moll assenjat lill-bastiment kien wiehed addatat ghalih! Ghalhekk fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' preparazzjoni hija l-Awtorita` Marittima li hija responsabbli ghall-waqfien tal-vapur; L-Awtorita` kellha kull fakolta li tvarja d-destinazzjoni imma mhux li speci ta' tissospendi l-operazzjoni sakemm taghmel il-verifiki mehtiega.

<u>It-tieni eccezzjoni</u>:

Illi fit-tieni eccezzjoni, gie eccepit li skond artikli 15(1) u 133(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Port (1966) l-Awtorita` Marittima ghandha d-dritt tassenja moll u tibdlu kif u meta trid a riskju u spejjez tal-vapur. Bir-rispett kollu, din mhix interpretazzjoni korretta ta' dawn l-artikli;

<u>Artiklu 15(1)</u> jghid li bastiment ghandu jokkupa l-post ta' rmigg moghti lilu mill-Awtorita` sew fuq moll jew band'ohra, u ghandu jekk ikun hekk

mehtieg, jitqanqal ghal dak il-post ta' rmigg iehor kif tista' tordna l-Awtorita`;

Din is-setgha ta' l-Awtorita` li tassenja post ta' rmigg, kif ukoll li jekk ikun mehtieg tordna li l-vapur jitqanqal ghal post ta' rmigg iehor, mhux qed tigi kkontestata bl-ebda mod. Pero` jigi rilevat li fil-kaz tat-TUSCANIA l-Awtorita` zammet lill-istess vapur milli jidhol propju waqt li kien diehel. Hija ma ordnatlux sabiex flok jirmiggja ma' moll jirmiggja ma iehor. Hija fl-ahhar mument zammitu milli jkompli diehel fil-port minghajr ma pprovdiettu moll alternattiv. Ghalhekk l-irmigg tieghu fil-port gie ikkancellat u bhala rizultat inkorra Lm604.77,9 "*cancellation expenses*". Dan l-ammont mhux ikkontestat.

<u>Artiklu 133(1)</u> imbaghad jistipula li l-Awtorita` tista' tnehhi jew tordna jew iggieghel li jitnehha, kull bastiment li jkun qieghed qed jinzamm, marbut, irmiggjat, stazzjonat jew ankrat kontra xi regolament imsemmi qabel, minn xi post gewwa port ghal xi post iehor gewwa dak l-istess port jew xi port iehor. Skond Artiklu 133(2) kull tnehhija li ssir skond dan ir-regolament ghandha ssir ghar-riskju u ghas-spejjez tal-bastiment;

L-Awtorita` Marittima Maltija qed toqghod fuq dan l-artiklu biex tikkonvinci l-Qorti li l-ispejjez tal-kancellament ghandu jbatihom il-vapur. Pero` jigi osservat li artiklu 133 jirreferi ghal sitwazzjonijiet fejn il-vapur ikun irmiggjat, stazzjonat etc. kontra xi regolament. Certament ma japplikax ghal sitwazzjoni fejn il-vapur ikun ghadu diehel fil-port, kif kien il-kaz in

kwistjoni. Il-vapur TUSCANIA la kien qieghed jinzamm, la kien marbut, la kien irmiggjat, la kien stazzjonat u lanqas ma kien ankrat, wisq anqas kontra xi regolament! Ghalhekk artiklu 133(2) dwar min ghandu jbati l-ispejjez ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` Marittima Maltija;

Tilqa' t-talba attrici fis-sens li tikkundanna lill-Awtorita` Marittima Maltija thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u erba' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu u disa' millezmi (Lm604.77,9) u tillibera lill-Korporazzjoni konvenuta Enemalta Corporation mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez u imghax kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mill-Awtorita` Marittima Maltija.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur